C/2024/6994

19.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11675 – CARLSBERG / BRITVIC)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6994)

1. Fil-11 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Carlsberg A/S ("Carlsberg") (id-Danimarka),

— Britvic PLC ("Britvic") (ir-Renju Unit).

Carlsberg se takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Britvic kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-8 ta' Lulju 2024.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Carlsberg hija attiva primarjament fil-produzzjoni tal-birra u fil-provvista bl-ingrossa tal-birra u tas-sidru. Carlsberg hija attiva wkoll bħala bejjiegħ bl-ingrossa ta' xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku fi Franza.

— Britvic hija manifattur u fornitur ta' soft drinks, f'numru ta' kategoriji inklużi soft drinks karbonizzati, xarbiet enerġetiċi, tejiet lesti biex jinxtorbu, meraq u xarbiet tal-meraq, ilmijiet, u sustanzi dilwiti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11675 – CARLSBERG / BRITVIC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").